# Ġużeppi Schembri
## Imprenditur u Filantropu marbut mal-Blata l-Bajda

minn Eric Montfort



Bena fabbrika tal-għaġin, kien importatur u ħalla wirt kulturali permezz tar-Radio City Opera House. Kien ukoll membru parlamentari u midħla ħafna tal-akkwati tal-Blata l-Bajda. Ġużeppi Schembri, għalkemm minsi, għandu rabtiet kbar ħafna mal-Ħamrun u m'għandux jibqa' biss imfakkar għat-triq li ġġib ismu.

M'hemm l-ebda dubju li Ġużeppi Schembri, li twieled il-Ħamrun, f'Jannar tal-1899, kien wieħed mill-ewwel imprendituri kbar li kellna f'Malta. Kellu viżjoni mill-aqwa u kieku ma kienux għal bosta żvinturi, kieku kien ikun fl-istess livelli ta' imprendituri kbar oħra f'Malta. Kellu ħafna ideat u wettaq bosta minnhom. Ġie fi żmien fejn Malta rat riċessjoni qawwija wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, imma f'dak iż-żmien u fl-aqwa ta' żgħożitu, huwa ħa ħafna mill-opportunitajiet li kienu ġewh. Issogra u stagħna. Ħa wkoll ċertu sogri u ma rnexxewx. Ġewh ukoll l-iżvinturi u bata. Iżda wieħed irid iqis li Schembri kien kapaċi jimraħ u jimxi ħafna 'l quddiem. Miegħu gawdew ħafna nies.

Schembri tal-Għaġin, kif is-Sur Ġużè Schembri kien magħruf, kellu xi ħaġa li għal dak iż-żmien kienet innovattiva. Kien jagħmel ħafna *sub-contracting*, jiġifieri li jgħaddi xogħol lil kuntratturi oħra u b'hekk ikun jista' jlaħħaq ma' ħafna kuntratti u proġetti, u anke jagħmel xi ftit appalti sabiex jara li s-sold idur sew. U fl-aqwa tiegħu, Schembri kien jara li x-xogħol isir sew ukoll.



"Kien jirraġuna li ladarba jħallas tajjeb, ikun irid jitħallas tajjeb," qalli ibnu Reginald, li llum jgħodd mas-76 sena, u bħalu kellu ħafna ideat u wettaq ukoll xogħol fejjiedi fil-bini, sakemm martu, li kienet mara twajba u prattikament qaddisa, għaddiet minn marda kiefra u twila. Reggie kellu fejn ikompli fejn ħalla missieru imma ma setax. Xorta waħda għandu memorji sbieħ ħafna ta' dak li għamel missieru.

Schembri beda l-karriera tiegħu bħala negozjant, jimporta bosta affarijiet, l-iktar affarijiet tal-ikel u x-xorb. Kien ukoll ta għall-proprjetà u mill-ewwel tefa' ħarstu fuq il-Ħamrun, fl-akkwati tal-Blata l-Bajda, li dak iż-żmien, jiġifieri fis-snin 20 tas-seklu li għadda, kienu għadhom art mogħxa u għelieqi fil-parti l-kbira tagħhom. L-erja tal-Mile End kien hemm xi ftit djar l-iktar bejn Sqaq il-Kubrit u fejn kien hemm ir-Radio City u daqshekk. Faċċata, bejn il-Kappella, dak iż-żmien ċimiterju, u fejn kien hemm il-Hollywood, kien hemm bini u anke wara fi Triq San Antnin, u Triq Żimelli kien hemm ukoll bosta bini, fl-inħawi hekk

imsejħa wara l-bini. Infatti uħud minn dan il-bini kien ilu li tela' minn tmiem is-seklu 19. Ġużè Schembri ħa ħsieb li l-medda ta' faċċata tiġi żviluppata bi djar bil-parapetti li għadhom hemm sallum. Uħud minnhom inbnew qabel it-tieni gwerra dinjija. Oħrajn wara. U minħabba f'hekk, li dawn l-inħawi saru mbagħad magħrufa bħala Ta' Schembri u t-Triq imsemmija għalih, għallinqas kunjomu, anke meta kien għadu ħaj.


CLARENCE HOUSE,
ST. JAMES'S

From: Lieut.-General Sir Frederick A. M. Browning, K.B.E., C.B., D.S.O.

15th May, 1951.

Dear Schembri

I have today forwarded to Lord Mountbatten a cheque for £27.0.0. in respect of the rent for the Villa Guardamangia for the month ended 14th May, 1951.

Yours sincerely

COMPTROLLER.

J.P. Schembri, Esq.,
Villa Paradiso,
Victoria Terrace,
Sliema,
Malta.

Maġenb Triq Schembri u fejn illum insibu ħanut tal-għamara, kien hemm il-fabbrika tal-għaġin, waħda minn tal-ewwel li kellna f'Malta. Schembri kellu għarfien għall-bżonnijiet tal-ikel u l-familja tiegħu kienu wkoll responsabbli għax-xiri ta' bosta vilel li għadna nsibu fit-Telgħa ta' Gwardamangia, u appuntu Villa Gwardamangia, serviet bħala l-post fejn ir-Reġina Elizabetta qattgħet il-*honeymoon* tagħha ftit wara li żżewġet fl-1947.

Fis-snin 50, Schembri bena wkoll il-post fi Qui-Si-Sana, Tas-Sliema magħruf bħala t-Tignè Court Hotel, illum blokka appartamenti, u anke qabel it-Tieni Gwerra xtara l-Villa Rosa, f'San Ġiljan, xi postijiet fi Triq Irjali tas-Sliema, u bena bosta djar f'Santa Venera. Wara l-gwerra Schembri ta spinta 'l quddiem l-industrija tal-madum fil-Ħamrun. Kellu erba' fabbriki minn dawn u eventwalment biegħhom kollha. Kellu wkoll fabbrika tax-xama' fi Triq Magri u anke kellu l-Gwardamangia Garage f'Tal-Pietà bi flotta ta' 50 karozza. Bena wkoll ħafna mill-bini fi Triq Hookham Frere, fejn kien joqgħod, dak iż-żmien parti mill-Parroċċa San Gejtanu.

Is-Sur Ġużè jibqa' wkoll imfakkar għall-bini tar-Radio City Opera House. Dan il-bini mill-isbaħ tela' ftit wara l-gwerra, fl-1945. Kienet idea ta' ibnu, Charles li jkun hemm post ta' kultura u li jiffoka fuq produzzjonijiet operistiċi kemm Maltin, kif ukoll barranin. Meta tlestiet, l-Opera House ġiet tiswa mat-£300,000 - somma qawwija għal dak iż-żmien. M'hemm l-ebda dubju li dan il-post serva bħala pedestall għal ħafna talenti ġodda kif ukoll veterani Maltin. Paul Asciak, Oreste Kirkop, John Lopez u Giuseppe Satariano, li kollha kemm huma rnexxew barra minn Malta, kollha ddebuttaw hawnhekk. Dan il-post ra wkoll il-preżenza ta' kantanti operistiċi famużi bħal Anselmo Colzani, Gino Bechi, Elena Rizzieri, Afro Poli, Gino Mattera u Angelo Lo Forese.



Il-qagħda ċentrali tar-Radio City Opera House, ġibdet lejha ħafna nies. L-ewwel preżentazzjoni operistika kienet il-Cavalleria Rusticana, li seħħet nhar it-22 ta' Frar 1946. Wara ġew l-opri Lucia di Lamermoor, La Boheme, La Traviata,

u l-Pagliacci. Segwew, fl-1947 ir-Rigoletto, Tosca, Carmen, Fedora, Madame Butterfly, Werther, La Boheme, Il Barbiere di Siviglia, I Pagliacci, Il Matrimonio Segreto u L'Elisir d'Amore. Ftit wara, Pawlu Asciak, wieħed miż-żgħażagħ li poġġa t-tamiet tiegħu fir-Radio City, mexa 'l quddiem u sab ukoll xorti barra minn Malta. Bi produzzjonijiet ġodda ta' La Sonnambula, Faust, Don Pasquale, Andrea Chenier, l'Amico Fritż, Manon Lescaut u La Favorita, ir-Radio City sar l-iktar post imfittex għall-opra f'Malta. Magħhom irridu wkoll inżidu l-operetti li kienu jiġu mill-Italja, notevolment iċ-Città di Milano, u preżentazzjonijiet bħal Madame di Tebe, Primrosa, La Danza delle Libellule, Il Paese dei Campanelli, Scugnizza, u La Donna Perduta.

Ma rridux ninsew il-preżentazzjonijiet tal-impressarju Luigi Cantoni tul perjodu ta' għaxar snin u preżentazzjonijiet oħra bħal Messiah ta' Handel, kif ittellgħet minn Dun Ġużepp Cachia, fl-1959. Dan kien l-ewwel grupp Malti li qatt tella' dan l-Oratorju. "Niftakar li dan l-oratorju li ttrata l-ħajja tal-Mulej Ġesù Kristu dam għaddej għal ħamest ijiem b'udjenzi kbar," kompla jgħidli Reggie Schembri. Fir-Radio City Opera House kienu jsiru wkoll ħafna ballijiet tal-karnival, u kien hemm żmien fejn kienu jintwerew il-films. Sfortunatament, l-opra ma baqgħetx daqshekk popolari f'dan il-post u l-ftuħ ta' Dar il-Mediterran, kif ukoll il-produzzjonijiet ta' opri ta' klassi fit-Teatri tal-Belt Victoria, Għawdex, iktar tellfu ċ-ċans li r-Radio City jirpilja u jerġa' jkun ċentru tal-opri. Eventwalment, il-post inbiegħ lill-Partit Laburista u ħlief għall-faċċata ta' barra, ftit li xejn hemm memorji ta' dan il-post importanti fl-istorja kulturali Maltija.

Ġużeppi Schembri ittanta wkoll xortieh fl-elezzjonijiet ġenerali u rnexxa. Ħareġ għall-ewwel darba fl-1947, elezzjoni li ġabet rebħa kbira għall-Partit Laburista. Meta wieħed iqis li Schembri kien negozjant, wieħed jaħseb li l-ewwel għażla tiegħu kienet se tkun il-Partit ta' Azzjoni Demokratiku ta' Ġorġ Hyzler għax dan kien partit tan-negozjanti u professjonisti. Schembri kellu għal qalbu l-

Mario
MC
Carabott Ltd.
Jewellers
53/54 High Street,
Ħamrun HMR 02, Malta
Tel: 2124 0511
Fax: 2124 0576



ħaddiem, għax fih kien jemmen. Dejjem irraġuna li jekk ma jitrattax tajjeb lill-ħaddiema tiegħu, ma setax ikollu xogħol tajjeb. Għalhekk ingħaqad mal-Partit Laburista, mmexxi minn Sir Paul Boffa. Mal-ewwel attentat mar tajjeb ħafna u tela' b'1831 vot, fuq is-sitt distrett li kien ikopri l-Ħamrun, Ħal-Qormi u Ħal-Luqa u anke rnexxielu jgħaddi kandidati iktar popolari minnu dak iż-żmien bħat-Tabib Frederick Maempel (PN) u Robert Bencini tal-MLP. Schembri ġie affettwat ħażin wara l-qasma fi ħdan il-Partit Laburista fl-1949. Fl-elezzjoni ta' wara, issa bħala kandidat tal-Partit tal-Ħaddiema Maltin, reġa' tela' mill-istess distrett imma ġab biss nofs il-voti li kellu qabel. Fl-1951, Schembri tilef postu, hekk kif il-Partit Laburista, mmexxi minn Dom Mintoff kompla jissaħħaħ u jieħu iktar siġġijiet mingħand il-Partit ta' Boffa. Dakinhar, Schembri ġab biss 596 vot. Fl-elezzjoni tal-1953 huwa ġab 620 vot u mal-MLP fl-1955 ġab biss 320 vot. Hu ma tax iktar kas tal-politika wara din id-disfatta. Reġa' ntefa' b'ruħu u ġismu fin-negozju u kostruzzjoni u bena l-post fil-Floriana qrib il-ġonna Re ġorġ V, li għamel żmien iservi bħala bażi tan-NATO f'Malta. Wieħed jista' anke jara l-arma tal-familja f'dan il-bini.



Għamel ukoll bosta xogħol filantropiku; fost xogħlijiet oħra nsibu xogħol ta' madum fid-Dar tas-Sorijiet Orsolini fi Guardamangia u wkoll fil-Knisja tad-Duluri; għoti ta' *grandfather clocks* liż-żewġ każini tal-banda li kien hemm fil-Ħamrun dak iż-żmien; pittura fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp, l-Imsida; u restawr fil-Knisja ta' Santa Rita tas-Sorijiet Agostinjani li hemm wara l-Villa Rosa, San Ġiljan.

Nistgħu ngħidu li wara dan il-perjodu ta' żmien, l-istilla ta' Schembri ma baqgħetx dik li kienet. Baqa' produttiv imma mhux bil-ħeġġa u l-ideat li kellu qabel. Kompla jidħol fi proġetti ġodda, fosthom ristorant f'Delimara tard fis-snin 60 u mill-ġdid fl-era tal-*boom* tal-bini wara l-Indipendenza, Ġużè Schembri bena bosta postijiet f'Tas-Sliema, Guardamangia, u f'Misraħ Kola Ħ'Attard.

Imma issa kien hemm ukoll fatturi personali kif ukoll xi deċiżjonijiet ħżiena, li tellfu mhux ftit mill-enerġija li kellu. Sfortunatament, fi tmiem ħajtu, x-xorti ma tantx daħqitlu u meta miet fl-1977, l-imperu żgħir tiegħu kien prattikament spiċċa għal kollox.